MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 137/1992/3

**Marianna Sciberras, Carmelo Bugeja, Francis, Anthony, John, Pawla Borg, Maria, Filomena Muscat, Gorga Borg,**
**Carmela Attard, ahwa Bugeja; Carmela Rapa, Filippu, Giuseppi u Francesca Vella ahwa Bonnici; Anthony Farrugia; u b'nota tal-4 ta' Lulju 2000 Filomena xebba Bugeja qua eredi ta' Carmelo Bugeja li miet fil-mori tal-kawza, assumew l-atti minflok l-istess Carmelo Bugeja u b'digriet tal-14 ta'Dicembru 2004 Salvu Sciberras, Francis Sciberras, Michael Sciberras nu Filomena mart Dwardu Spiteri, ahwa Sciberras, assumew l-atti tal-kawza flok ommhom Marianna Sciberras stante l-mewt taghha fil-mori tal-kawza.**

**v.**

**Maria Rosa Tabone, Perit Joseph Dimech u Joseph Bonnici.**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Fil-15 ta' Jannar, 1999 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, ippronunzjat is-sentenza taghha fil-kawza odjerna, billi filwaqt li cahdet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Joseph Bonnici, li ghalhekk gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju, laqghet l-istess talbiet ta' l-atturi fil-konfront tal-konvenuti Maria Rosa Tabone u l-Perit Joseph Dimech. Dik il-Qorti ddikjarat li l-agir ta' dawn iz-zewg konvenuti kien jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu ta' l-atturi. Konsegwentement, dik il-Qorti kkundannathom sabiex fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza jirrintegraw lill-konvenuti fid-dritt taghhom billi jnehhu l-bieb tal-metall li jifred il-hanut fil-pussess tal-konvenuta Tabone mill-bqija tat-terran numru 15, Triq Marina, Xlendi, u jnehhu wkoll it-tarag li mit-terrazzin tal-mezzanin sovrastanti n-numru 15A, fl-istess triq, jikkonduci ghall-bitha fil-fond terran imsemmi u jergghu jaghmlu kollox kif kien, u dan a spejjez tal-konvenuta Tabone billi l-istess xogholijiet kienu saru fl-interess uniku taghha. L-atturi gew awtorizzati li fin-nuqqas, huma stess jaghmlu x-xogholijiet necessarji biex jigi spurgat dan l-ispoll u dan taht id-direzzjoni ta' l-Arikitett u Inginier Civili Richard Aquilina li gie nominat ghal dak il-fini u a spejjez ta' l-istess konvenuta. Dik il-Qorti ordnat li l-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal kwart ($^1/_4$) mill-istess Perit Joseph Dimech u kwantu ghal tlett kwarti ($^3/_4$) l-ohra mill-konvenuta Maria Rosa Tabone. Kopja shiha ta' din is-sentenza qed tigi riprodotta bhala appendici A biex tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

2. Maria Rosa Tabone hassitha aggravata minn din id-decizjoni u ghalhekk hija appellat minnha quddiem din il-Qorti. Dan l-appell gie deciz minn din il-Qorti diversament preseduta u komposta fit-28 ta' Novembru 2003. Ghar-

ragunijiet migjuba fl-istess sentenza, l-appell tal-konvenuta Maria Rosa Tabone gie michud u s-sentenza appellata giet konfermata, bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta appellanti. B’dik is-sentenza gie deciz ukoll li l-appell kien sostanzjalment frivolu u vessatorju u ntiz biss biex ma tinghatax effett lis-sentenza li kienet precedentement moghtija minn din il-Qorti ghaxar snin qabel, u ghalhekk il-konvenuta giet ordnata li thallas l-ispejjez ta’ l-istess appell ghal darbtejn. Kopja shiha ta’ l-istess sentenza ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Novembru, 2003 qeghdha tigi riprodotta bhala appendici B biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

3. B’rikors ipprezentat fl-1 ta’ Marzu, 2004, Maria Rosa Tabone allegat li hemm lok ghal thassir tas-sentenza imsemmija fil-paragrafu precidenti u ghar-ritrazzjoni tal-kawza fi stadju ta’ appell u dan a tenur ta’ l-Artikolu 811(c) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kap. 12). Ir-ritrattandi qeghdha tallega li diversi atturi appellati ma humiex persuni legittimi, ghaliex fil-kawza iddahhlu persuni li ma kellhomx id-dritt li jidhlu fil-kawza, filwaqt li persuni ohra li kellhom ikunu fil-kawza, thallew barra mill-kawza. Ghalhekk ir-ritrattandi talbet li din il-Qorti joghogobha thassar is-sentenza ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Novembru 2003 u tordna wkoll ir-ritrattazzjoni tal-kawza fi grad ta’ appell sabiex bid-decizjoni li tinghata jkun jista’ jigi milqugh l-appell maghmul mill-istess ritrattandi – bl-ispejjez kontra l-atturi appellati.

4. L-atturi pprezentaw risposta taghhom ghar-rikors tar-ritrattazzjoni ta’ Maria Rosa Tabone fit-23 ta’ Marzu 2004. Fl-imsemmija risposta huma gabu ’l quddiem ir-ragunijiet taghhom ghaliex kienu qeghdin jopponu t-talba tar-ritrattandi u enfasizzaw li t-talba prezenti taghha kienet frivola u vessatorja u ghalhekk kienet timmerita li tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

5. Fl-udjenza tal-25 ta’ Ottubru, 2004 din il-Qorti giet infurmata li l-attrici Marianna Sciberras kienet mietet ricentement. Jirrizulta li b’digriet moghti fl-14 ta’ Dicembru 2004 din il-Qorti awtorizzat lil Salvu Sciberras, Francis Sciberras, Michael Sciberras u Filomena mart Dwardu

Spiteri Ikoll ahwa Sciberras biex jassumu l-atti ta' din il-kawza flok l-imsemmija ommhom Marianna Sciberras.

6. Fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2005 ir-ritrattanda ssollevat l-eccezzjoni tar-rikuza fil-konfront tas-Sinjorija Tieghu l-Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano peress li huwa kien qieghed jippresjedi din il-Qorti li tat id-decizjoni li qed tigi impunjata bl-odjerna ritrattazzjoni. B'decizjoni li nghatat fl-udjenza tal-11 ta' April, 2005, din l-eccezzjoni ta' rikuza giet milqugha u l-kawza giet differita ghal nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju, 2005 sabiex tinstema' quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u komposta.

7. Fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2005 din il-Qorti, kif issa presjeduta u komposta, semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-kontendenti u halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**<u>II KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

8. Il-fatti li r-ritrattandi Maria Rosa Tabone qeghdha tibbaza ruhha fuqhom biex titlob ir-ritrattazzjoni ta' din il-kawza huma mfissra minnha stess fir-rikors tar-ritrattazzjoni taghha, kif jirrizulta minn fol. 274 tal-process:

"Illi l-esponenti kienet ipprezentat Nota fl-atti ta' dan l-appell li permezz taghha indikat diversi zbalji u nuqqasijiet ghar-rigward ta' l-atturi appellati u fl-okkju tal-kawza, fosthom:

- Li mhux minnu li Carmelo Bugeja (Nadur) "ma kienx f'din il-kawza u ghalhekk ma ghandu l-ebda locus standi fiha" – tant hu hekk li fic-citazzjoni jidher ismu fost l-atturi: "Carmelo Bugeja – 'Shalom', Triq l-Emigranti, Nadur".

- Li mhux minnu li "f'din il-kawza kien hemm Carmelo Bugeja" ... "li kien joqghod il-Munxar", li miet fl-20 ta' Awissu 1999 – tant hu hekk li ismu mhux indikat fost l-ismijiet ta' l-atturi. Huwa kellu jkun parti fil-kawza bhala wiehed mill-atturi.

- Il-persuna indikata fic-citazzjoni bhala "Francesca Vella ahwa Bonnici" kienet xebba Bugeja, mhux Bonnici.

Inoltre, hi kienet bint il-mejjet Guzeppi Bugeja u ghalhekk giet imharrka hazin.

- L-attur "Anthony Farrugia", li ismu jinsab indikat bi kjamata f'ras ic-citazzjoni ma setax ikun attur fil-kawza peress li ommu Maria Farrugia kienet ghadha hajja dak iz-zmien (meta saret il-kawza). Inoltr, wara mewtha, deher hu wahdu (ad eskluzjoni ta' hutu l-ohra) minghajr ma saret il-prova tat-titolu tieghu.

- Hemm neqsin fost ulied il-mejjet Guzeppi Bugeja: Salvu Bugeja u Guzeppa mart Giuseppe Cassar, li t-tnejn huma assenti minn Malta.

Illi gie rilevat ukoll mill-esponenti illi fic-citazzjoni wiehed mill-atturi huwa Anthony Farrugia proprio, waqt li fid-dikjarazzjoni wiehed mid-dikjaranti huwa "Anthony Farrugia bhala prokuratur ta' ommu msiefra, Maria armla Farrugia". Anthony Farrugia ma setax jassumi l-atti wara l-mewt ta'ommu Maria Farrugia billi din ma kienetx attrici skond ic-citazzjoni. Inoltre, kif intqal fuq, wara l-mewt ta' ommu, hu deher wahdu fil-kawza ad eskluzjoni ta' hutu l-ohra, minghajr ma ressaq ebda prova dwar b'liema titolu jippretendi li jkompli l-kawza minflok ommu u minghajr ebda prova ta' dan it-titolu."

-OMISSIS-

"Illi nonostanti li dawn l-indikazzjonijiet gew moghtija tempestivament mill-esponenti, din l-Onorabbli Qorti xorta wahda baqghet ghaddejja u ddecidiet il-kawza fi grad ta' appell fl-istess ismijiet, f'liema sentenza m'hemm l-ebda riferenza ghal din il-kwistjoni sollevata mill-esponenti u dan wara li l-atturi appellati ma ghamlu l-ebda tentattiv biex jippruvaw jissanaw il-posizzjoni."

-OMISSIS-

"Illi dan gieb konfuzjoni fattwali u legali ghaliex persuni li ma kellhomx id-dritt ikunu fil-kawza meta din giet istitwita, fil-fatt iddahhlu – nonostanti li ddahhlu b'certa konfuzjoni bejn l-okkju tac-citazzjoni u l-okkju tad-dikjarazzjoni; filwaqt li persuni li kellhomikunu fil-kawza, thallew barra

mill-kawza. Dan huwa zball fundamentali li certament wahdu jikkonduci ghat-thassir tas-sentenza in diskussjoni fi grad ta’ appell.”

9. Dwar l-aspett legali tat-talba taghha, ir-ritrattandi rreferiet ghall-Artikolu 810A tal-Kap. 12 kif ukoll ghas-subinciz (c) ta’ l-Artikolu 811 ta’ l-istess Kap. 12. Din l-ahhar imsemmija disposizzjoni taqra hekk:
“Kawza deciza b’sentenza moghtija fi grad ta’ appell tista’, fuq talba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha nteress, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

-OMISSIS-

(c) jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima, kemm-il darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta’ l-illegittimita`.

Ir-ritrattandi tikkumenta hekk fi-rikors tat-trattazzjoni taghha:
“Illi m’hemmx dubju dwar l-illegittimita` ta’ diversi mill-atturi u appellanti, b’mod partikolari (izda mhux biss) fir-rigward ta’ l-attur Anthony Farrugia, u ghalhekk is-sentenza moghtija fit-28 ta’ Novembru 2003 ma tistax treggi.”

10. Huwa veru li Maria Rosa Tabone kienet issollevat dawn l-istess kwistjonijiet dwar l-atturi appellati qabel ma nghatat is-sentenza tat-28 ta’ Novembru 2003. Dan jirrizulta senjatament minn nota ta’ Maria Rosa Tabone a fol. 211 tal-process, liema nota tikkontjeni, tista’ tghid, il-lanjanzi kollha li issa qeghdha tissolleva biex fuqhom tibbaza t-talba ghar-ritrattazzjoni odjerna. Ta’ min jghid hawn li din in-nota saret wara li l-atturi appellati kienu ddikjaraw hekk a fol. 207 tal-process.
“Illi f’din il-kawza kien hemm Carmel Bugeja wiehed, dak li kien joqghod il-Munxar. Dana miet fl-20 ta’ Awissu 1999 fil-mori ta’ dan l-appell u uliedu: Filomena Bugeja u Maria Assunta Spiteri kienu assumew l-atti ta’ dan l-appell flok missierhom b’nota li tinsab a fol 159 tal-process.

Illi Carmelo Bugeja l-iehor (tan-Nadur) ma kienx f'din il-kawza u ghlahekk ma ghandu l-ebda locus standi fiha;

Illi dak li qeghdha tippretendi l-konvenuta appellanti u cioe` in-nullita` tac-citazzjoni u n-nullita` tas-sentenza appellata ghax il-gudizzju mhux integru, apparti l-fatt li din il-kwistjoni ma gietx mqajma fir-rikors ta' appell, huwa bla ebda bazi legali.  Din hija kawza ta' spoll u ghalhekk kwalunkwe wiehed mill-kopropretarji jista' jagixxi anki wahdu biex jipprotegi l-proprjeta` komuni.  Dan tghidu l-ligi u l-gurisprudenza."

11. Din il-Qorti tosserva li fit-8 ta' April 2003 gie verbalizzat hekk:
"Wara li l-Qorti semghet kemm lil Dr Albert Camilleri kif ukoll lil Dr Tonio Azzopardi dwar il-kwistjoni sollevata minn Dr Tonio Azzopardi ta' l-integrita` tal-gudizzju u tal-Legittimazzjoni ta' l-atti l-Qorti hi tal-fehma li f'dan l-istadju l-partijiet ghandhom ighaddu ghat-trattazzjoni fil-meritu b'dan li jekk il-Qorti waqt li tkun qed tikteb is-sentenza tkun tal-fehma li hemm xi wahda mill-kwistjonijiet sollevati mill-istess Dr Tonio Azzopardi, il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza utidderigi lill-parti jew ohra li jaghmlu dak li talvolta jista' jkun mehtieg.

Dr Albert Camilleri jispjega illi l-attrici Frangiska Vella li fl-okkju tal-kawzi tidher bhala wahda mill-ahwa Bonnici hija fil-fatt wahda mill-ahwa Bugeja; illi Anthony Farrugia fiz-zewg kawzi kellu jigi ndikat bhala prokuratur ta' ommu Maria Farrugia li kienet imsiefra, illum fil-fatt huwa wiehed mill-ko-proprjetarji billi Maria Farrugia mietet fil-mori ta' dan l-appell (ritrattazzjoni).

Dr Tonio Azzopardi jissottometti illi dawn ma humiex spjegazzjonijiet izda tentattiv ta' korrezzjoni ta' difetti fondamentali fil-proceduri."

12. Dak in-nhar cioe` fit-8 ta' April 2003, il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni ghas-6 ta' Mejju 2003, liema trattazzjoni fil-fatt effettivament saret u giet registrata u traskritta, kif jirrizulta minn fol. 238 sa 251 tal-process.  Din il-Qorti ezaminat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula mill-

Avukat ta' l-appellanti, kif ukoll in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-istess konvenuta appellanti, li tinsab a fol. 214 *et sequitur* tal-process u sabet li hemmhekk ma sar l-ebda accenn ghall-kwistjonijiet ta' l-allegati zbalji fl-okkju tal-kawza, nonostante li dawn l-istess allegati zbalji kienu gew diversi drabi sottolinejati mill-istess appellanti.

13. Kif intqal qabel f'din is-sentenza, ir-ritrattandi qeghdha tallega li kien hemm diversi zbalji fl-okkju tal-kawza u li ghalhekk diversi persuni li deheru fil-kawza ma kienux persuni legittimi li jkunu fiha. Fuq dawn l-allegati fatti hija qed tibbaza t-talba taghha tar-ritrattazzjoni tal-kawza. Ghandu jinghad, madanakollu, li l-allegati fatti li ghadhom kif issemmew fil-fatt ma jirrizultawx debitament provati. Anke kieku fl-ipotesi li dawn gew debitament provati, l-pregudizzjali relattiva li kienet tghodd ghall-allegat nuqqas procedurali, ma kellux ikun dak ta' l-eccezzjoni ta' l-illegittimita` tal-persuna izda, se mai, kellha tkun l-eccezzjoni li l-gudizzju ma kienx wiehed integru. Certament ir-ritrattandi ghandha taqbel ma' dak li ghadha kif qalet din il-Qorti, ghaliex kienet ir-ritrattandi stess li stqarret a fol. 211 ral-process, wara li ssenjalat l-allegati zbalji fl-okkju tal-kawza:
"Dan it-taghrif ma jhalli l-ebda dubju li l-gudizzju <u>mhux integru</u> u li c-citazzjoni hi nulla bhalma hi nulla s-sentenza." (enfasi tal-Qorti).

14. Din il-Qorti ghandha tigbed l-attenzjoni tar-ritrattandi ghal dak li hija kitbet ukoll fis-17 ta' Marzu 2003 ezattament fin-nota taghha a fol. 210 tal-process fejn *inter alia* qalet hekk:
"Jigi rilevat illi fic-citazzjoni wiehed mill-atturi huwa Anthony Farrugia proprio, waqt li fid-dikjarazzjoni wiehed mid-dikjaranti huwa "Anthony Farrugia bhala proluratur ta' ommu msiefra, Maria armla Farrugia". Hija c-citazzjoni li tghodd.

Anthony Farrugia ma setax jassumi l-atti wara l-mewt ta' ommu Maria Farrugia billi din ma kienitx attrici skond ic-citazzjoni."

15. Il-frazi “Jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima” li tissemma fl-Artikolu 811(c) tal-Kap. 12, certament trid tinqara fid-dawl tar-regoli li l-istess Kap. 12 jistabilixxi fl-Artikolu 780 *et sequitur* meta jitkellem “fuq l-eccezzjoni ta’ l-illegittimita` ta’ l-attur jew tal-konvenut”. L-Artikolu 780 jipprovdi li “l-eccezzjoni dwar l-illegittimita` ta’ l-attur jew tal-konvenut tista’ tinghata, meta l-wiehed jew l-iehor huwa inkapaci skond il-ligi biex joqghod f’kawza, inkella biex iharrek jew jigi mharrek fl-isem u fl-interess ta’ haddiehor, minghajr ma jkun awtorizzat skond il-ligi ghal daqshekk. L-Artikolu sussegwenti cioe` 781 imbaghad jiddefenixxi min huma dawk il-persuni li m’humiex kapaci biex joqghodu f’kawza bhala attur jew konvenut:
“a. il-minuri, hlief fil-persuna tal-genitur li jkun qed jezercita s-setgha tal-missier, jew, fin-nuqqas ta’ dan, fil-persuna ta’ tutur jew kuratur;

b. il-persuni furjuzi jew mohhom marid u kull persuna ohra li ma jkollhiex l-ezercizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawza, hlief fil-persuna ta’ dak li skond il-ligi jkollu f’idejh dik l-amministrazzjoni jew ta’ kuratur *ad litem*.”

16. Huwa evidenti ghal din il-Qorti li l-objezzjonijiet li r-ritrattandi qeghda ggib ’il quddiem kontra s-sentenza ta’ din il-Qorti tat-28 ta’ Novembru 2003 ma jiffigurawx fil-kuntest ta’ l-eccezzjoni ta’ l-illegittimita` tal-persuna kif fuq interpretata mil-ligi stess. Kif diga` intqal, kienet l-appellanti stess li wara li ssenjalat l-allegati zbalji fl-okkju tal-kawza kienet issottomettiet li l-istess taghrif li tat ma kien ihalli ebda dubju li l-gudizzju m’huwiex integru. Evidentement, dik il-pregudizzjali li ssollevat seta’ jkollha sinifikat legali fl-ipotesi li l-azzjoni odjerna intentata mill-atturi kienet wahda ta’ natura petitorja. Invece, fil-kawza odjerna l-azzjoni ta’ l-atturi hi dik ta’ spoll privileggjat, azzjoni din li hija wahda eminentament possessorja intiza biex telimina l-att turbattiv tal-pussess. Din l-azzjoni hija koncepita mil-ligi bhala wahda rapida u effikaci u li ghandha l-mira li timpedixxi li stat ta’ fatt jigi disturbat arbitrarjament. Hija ghalhekk intiza sabiex min ikun ikkommetta l-ispoll ikun imgieghel jerga’ jqiegħed il-haga

fl-istat li kienet qabel ma huwa kkommetta l-att spoljattiv. Huwa risaput li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll mhuwiex mehtieg li l-attur jipprova li ghandu xi dritt ta' proprjeta` jew ta' xi servitu` jew xi titolu iehor fuq il-haga posseduta. Il-ligi stess fl-Artikolu 791 tal-Kap. 12 tispecifika liema eccezzjonijiet jistghu jinghataw f'kawza ta' spoll, waqt li l-Artikolu 535 tal-Kodici Civili (Kap. 16) ikompli jispjega l-indoli ta' din l-azzjoni ta' spoll. Huwa risaput ukoll li l-azzjoni ta' spoll tista' tigi esperita minn kom-proprjetarju wiehed kontra kom-proprjetarju iehor (ara per ezempju is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Civili fit-23 ta' Gunju 1965 Katerina Galea v. Joseph Vella). Evidentement, f'kawza bhal din mhux necessarju li jkun hemm il-kom-proprjetarji kollha, izda dak li hu necessarju huwa li l-kawza bhal din ta' spoll privileggjat issir minn persuna jew persuni li gew spoljati kontra l-persuna jew persuni li kkommettew l-ispoll. Huwa ezattament dan li jidher li gara fil-kawza odjerna.

17. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sodisfatta li r-ritrattandi rnexxielha tipprova li xi wahda mill-partijiet fil-kawza li giet deciza bis-sentenza mpunjata tat-28 ta' Novembru 2003 ma kienitx persuna legittima fis-sens tas-subinciz (c) ta' l-Artikolu 811 ta' l-imsemmi Kodici ta' Organizzazzjoni Procedura Civili Kap. 12. Konsegwentement it-talba tar-ritrattanda ghat-thassir ta' l-istess sentenza u ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza in kwantu bazata fuq l-istess dispozizzjoni tal-ligi certament ma tistax tintlaqa'.

18. Ghal dawn il-motivi, tirrespingi t-talba kontenuta fir-rikors tar-ritrattazzjoni ta' Maria Rosa Tabone ta' l-ewwel ta' Marzu 2004 – bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura a karigu ta' l-istess Maria Rosa Tabone. Fl-ahhar nett, billi din il-Qorti jidhrilha li din it-talba ghar-ritrattazzjoni kienet wahda sostanzjalment frivola u vessatorja u intiza biss biex ittawwal il-proceduri minghajr bzonn, tordna li r-ritrattanda Maria Rosa Tabone thallas spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qorti l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) u dan a tenur tal-paragrafu 10(1) tat-tariffa A, skeda A annessa mal-Kodici ta' Organizzazzjoni Procedura Civili Kap. 12.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI A**

Kopja tas-sentenza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fil-15 ta' Jannar 1999 qed tigi annessa ma din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**APPENDICI B**

Kopja tas-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Novembru 2003 qed tigi annessa ma din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------